492 flat 3, St. Joseph High Rd., St. Venera, SVR 1014, Malta.
Tel ▶ (+356) 21484506 Fax ▶ (+356) 21482656 Email ▶ info@kdz.org.mt Website ▶ www.kdz.org.mt

kummissjoni djoċesana żgħażagħ

Nhar l-Erbgħa 11 ta' Mejju, saret it-tieni laqgħa ta' preparazzjoni fil-mixja tagħna lejn il-WYD. Kienet primarjament sessjoni ta' formazzjoni fejn skoprejna aħjar it-tema li qiegħda tiggwidana: "Niżżlu għeruqkom fih, ibnu l-ħajja tagħkom fuq Kristu; issaħħu fil-fidi." (Kol 2,7)

**Formazzjoni**

Il-mistieden speċjali, is-sur Robert Tanti, beda s-sessjoni bi spjega ġenerali tal-ħtieġa u l-funzjoni tal-għeruq għall-pjant, min lenti bioloġika. Wara, d-direttur spiritwali Fr Marco Portelli, silet ħsibijiet mill-preżentazzjoni tas-sur Tanti biex hekk, ir-riflessjoni tagħna fuq it-tema tista' tkun aktar profonda u aktar personali. L-islides li ntużaw tul din il-parti ser ikunu disponibbli fil-page tal-WYD fuq kdz.org.mt.

**Ħwejjeġ oħra**

Wara l-parti formattiva ingħataw avviżi fuq il-pagament li jmiss, facebook group u il-laqgħat li ġejjin . dawk preżenti, mbagħad, inkitbu u nqasmu f'teams.

Ħlas: wasalna biex inħallsu għall-akkomodazzjoni u t-trasport, għalhekk qiegħdin nitolbu t-tieni pagament ta' 260 Ewro. L-istess bħad-deposit, il-ħflus għadhom jiġu ttrasferiti direttament fl-APS WYD account: 20000788396. Importanti ħafna li fid-dettalji tat-tranżazzjoni tinkludu Isem, Kunjom u ID; mingħajrhom ma nkunux nistgħu nikkonfermaw il-ħlas. Itrasferiment għandu jsir sa l-Erbgħa, 1 ta' Ġunju.

Facebook: biex inkomplu nżommu l-kuntatt bejnietna u nsiru nafu aħjar lil xulxin, se noħolqu facebook group li jkun magħmul biss mill-kontinġent tagħna.

Laqgħat: il-laqgħat li jmiss se jkunu nhar is-Sibt 25 ta' Ġunju, wara nofsinhar; overnight bejn it-2 u t-3 ta' Lulju; u l-Erbgħa 3 t'Awwissu. Fihom se nkomplu nippreparaw rwieħna f'kull aspett, għall-avventura fi Spanja.

Teams: biex niffaċilitaw il-kommunikazzjoni u l-koordinament bejnietna, qiegdin ninqasmu f'10 teams, b'reference person responsabbli kull wieħed. Inħeġġu lil dawk li għadhom ma' nkitbu mal-ebda team biex jgħidulna jekk għandhomx preferenza jew oħra. Il-persuni resonsabbli mit-teams huma:

1. Jessica Dalli
2. Lucille Cachia / Charles Cardona
3. Annabelle Muscat / Jerome Caruana
4. David Borg / Fr Luke Seguna
5. Graziella Camilleri / Ruth Camilleri
6. Mariella Chetcuti / Bernard Catania
7. Mark Anthony Sammut
8. Carmen Deguara / Graziella Buttigieg
9. Olen Terribile
10. Stefan Cachia / Ruth DeGiovanni



flimkien għas-servizz taż-żgħażagħ